

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-592/14, *Makhlouf vs Il-Kunsill*.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2014 – Bena Properties vs Il-Kunsill**(Kawża T-602/14)**

(2014/C 372/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Bena Properties Co. SA (Damas, is-Sirja) (rappreżentanti: E. Ruchat u C. Cornet d'Elzius, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti ammissibbli u fondata;
- konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni 2014/309/PESK, tat-28 ta' Mejju 2014, u l-atti ta' eżekuzzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest ta' Kawża T-432/11, *Makhlouf vs Il-Kunsill* ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 290, p. 13.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2014 – Fútbol Club Barcelona vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' tarka)**(Kawża T-615/14)**

(2014/C 372/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Fútbol Club Barcelona (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

- temenda d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tat-23 ta' Mejju 2014 u tal-eżaminatriċi tat-23 ta' Mejju 2013, skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru^o207/2009, minħabba l-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009, billi taċċetta i) il-karattru distintiv tat-trade mark grafika li hija s-suġġett tal-applikazzjoni Nru^o11 764 354 u, b'dan il-mod, l-inapplicabbiltà tal-projbizzjoni assoluta għar-reġistrazzjoni li tissemma' fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru^o207/2009; u ii) il-pubblikazzjoni tal-imsemmija applikazzjoni għal trade mark sabiex, ladarba jiġu ssodisfatti l-formalitajiet kollha li jkun fadal, tkun tista' tingħata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 87(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva li tirrappreżenta tarka għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25 u 41 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 764 354

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Settembru 2014 – ANKO vs Il-Kummissjoni u REA

(Kawża T-165/14) ⁽¹⁾

(2014/C 372/29)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 10.6.2014.
